## ~~FARAĠ L-GHAJJIENA~~

~~*Meta jitqal il-lejl fuq xfar għajnejja*~~
~~*Miftuħa, mingħajr ngħas, wil-ħemda tqila*~~
~~*Tbażżagħni, u tħallini mingħajr ħila,*~~
~~*Fommi marsus, kull ħoss għajta f'widnejja,*~~
~~*Twerżiq ta' ruħ mitlufa riesqa lejja,*~~
~~*F'qalbi nsejjaħ isimha, ngħajjat LilHa*~~
~~*Dawl t'Alla u tal-pitturi l-isbaħ tila,*~~
~~*U f'moħħi mbewden nitlob għarkubbtejja:*~~
~~*"Madonna ta' Ġesù, Faraġ l-għajjiena,*~~
~~*Tbissima ta' qawsalla, Ġnien ta' sliema,*~~
~~*Warda tal-iġbla, u qawwa tat-tajbin.*~~
~~*Imbagħad xħin nara wiċċha, qalbi jiena*~~
~~*Inbossha ssirli nar, għax bħala liema*~~
~~*Fost kollha n-nisa, wennset il-Bnedmin?*~~

~~8.i.63~~

## VIRGO MARIJA

*Li kelli l-ħila ta' Messer Petrarca*
*Għall-kitba tas-sunett, kont nikteb mija,*
*Mitejn, elf w iżjed, kollha għalik Marija,*
*Tal-bniedem mitluq waħdu sejf u tarka.*
*U fiħom kont inxandrek Omm il-Barka,*
*Il-Kewkba tar-Rużarju u l-Litanija,*
*Li twieldet, għexet, mietet mingħajr ħtija.*
*U qabżet għall-bnedmin mid-dnub imfarrka,*
*Għax akbar w isbaħ int minn Donna Laura,*
*U n-nisa li għannew l-poeti kbar,*
*B'versi li ġmielhom żejjen ħajr l-imħabba.*
*Għenni biex xewqti sseħħ, ngħannik il-Ġawhra,*
*Fil-mantar t'Alla li jgħattik bħal star,*
*Verġni u Omm li l-ebda dnub ma' tabba'.*

9.i.63